



EUROPEAN COMMISSION

Directorate-General for Internal Market, Industry, Entrepreneurship and SMEs
Single Market Enforcement
Notification of Regulatory Barriers

In-Numru tan-Notifika : 2017/0276/I (Italy)

Digriet għar-regolamentazzjoni tal-użu ta' sustanzi u preparazzjonijiet tal-ħxejjex fis-supplimenti tal-ikel, li jissostitwixxi d-Digriet tal-Ministru tas-Saħħa tad-9 ta' Lulju 2012.

Data tal-wasla : 28/06/2017

Tmiem tal-Waqfien : 29/09/2017 (29/12/2017)

Message

Messaġġ 002

Komunika mill-Kummissjoni - TRIS/(2017) 01619

Direttiva (UE) 2015/1535

Traduzzjoni tal-messaġġ 001

Notifika: 2017/0276/I

No abre el plazo - Nezhajuje odklady - Fristerne indledes ikke - Kein Fristbeginn - Viivituste perioodi ei avata - Καμμία έναρξη προθεσμίας - Does not open the delays - N'ouvre pas de délais - Non fa decorrere la mora - Neietekmē atlikšanu - Atidėjimai nepradedami - Nem nyitja meg a késéket - Ma' jiftaħx il-perijodi ta' dawmien - Geen termijnbegin - Nie otwiera opóźnień - Não inicia o prazo - Neotvorí oneskorenia - Ne uvaja zamud - Määräaika ei ala tästä - Inleder ingen frist - He ce предвижда период на прекъсване - Nu deschide perioadele de stagnare - Nu deschide perioadele de stagnare.

(MSG: 201701619.MT)

1. MSG 002 IND 2017 0276 I MT 28-06-2017 I NOTIF

2. I

3A. MINISTERO DELLO SVILUPPO ECONOMICO

Direzione generale per il mercato, la concorrenza, il consumatore, la vigilanza e la normativa tecnica

Divisione XIII - Normativa tecnica

00187 Roma - Via Sallustiana, 53

tel. +39 06 4705.5430 - .5340 - e-mail: ucn98.34.italia@mise.gov.it

3B. MINISTERO DELLA SALUTE

Direzione generale per l'igiene e la sicurezza degli alimenti e la nutrizione

UFFICIO 4

Roma

4. 2017/0276/I - C80A

5. Digriet għar-regolamentazzjoni tal-użu ta' sustanzi u preparazzjonijiet tal-ħxejjex fis-supplimenti tal-ikel, li jissostitwixxi d-Digriet tal-Ministru tas-Saħħa tad-9 ta' Lulju 2012.

6. Sustanzi jew preparazzjonijiet tal-ħxejjex permessi għall-użu fis-supplimenti tal-ikel

7. - ir-Regolament (KE) Nru 1925/2006 dwar iż-żieda ta' vitamini u minerali u ta' ċerti sustanzi oħra mal-ikel
- id-Direttiva 2000/13/KE dfuq l-approssimazzjoni ta' liġijiet tal-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu ma' tikkettjar, preżentazzjoni u riklamar ta' oġġetti tal-ikel



EUROPEAN COMMISSION

Directorate-General for Internal Market, Industry, Entrepreneurship and SMEs
Single Market Enforcement
Notification of Regulatory Barriers

8. L-abbozz tad-Digriet issa nnotifikat skont id-Direttiva (UE) 2015/1535, l-Artikolu 12 tar-Regolament (KE) Nru 1925/2006 u l-Artikolu 45 tar-Regolament (UE) Nru 1169/2011, jissostitwixxi d-Digriet tad-9 ta' Lulju 2012, li kien is-suġġett tan-Notifika 2011/0152/I. Ir-regolament tekniku huwa magħmul minn sitt artikoli u żewġ annessi. Fil-parti operattiva tal-abbozz huma stabbiliti:

- il-kamp ta' applikazzjoni u l-għan tad-Digriet li jistabbilixxi l-lista tas-sustanzi u l-preparazzjonijiet tal-ħxejjex permessi għall-użu fis-supplimenti tal-ikel u jipprovdi gwida dwar il-proċeduri li għandhom jitwettqu b'appoġġ għas-sikurezza tagħhom;
- ir-referenza għall-Annessi 1 - Lista ta' sustanzi u preparazzjonijiet tal-ħxejjex permessi għall-użu fis-supplimenti tal-ikel, u 2 - Dokumentazzjoni li għandha tiġi mħejjija u l-proċeduri li għandhom jiġu segwiti għall-użu ta' sustanzi u preparazzjonijiet tal-ħxejjex fis-supplimenti;
- l-eżistenza tal-proċedura ta' notifika skont l-Artikolu 10 tad-Digriet Leġiżlattiv tal-21 ta' Mejju 2004, Nru 169 li jimplimenta d-Direttiva 2002/46/KE dwar is-supplimenti tal-ikel;
- it-termini u l-kundizzjonijiet għall-applikazzjoni tal-prinċipju ta' rikonossiment reċiproku;
- dispożizzjonijiet tranżitorji u finali;
- metodi ta' aġġornament tal-Annessi 1 u 2.

L-Annessi 1 u 2 fihom il-lista u d-dettalji speċifiċi msemmija fl-Artikoli 1 u 2.

9. Fil-kamp ta' applikazzjoni tal-proġett ta' kooperazzjoni bejn il-Belġju, Franza u l-Italja magħruf bħala "BELFRIT", ġiet ippreparata lista ta' pjanti eliġibbli għall-użu fis-supplimenti tal-ikel, ippreżentata lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra f'Novembru 2013 waqt laqgħa speċjali fil-kwartieri ġenerali tal-Awtorità kompetenti Belġjana.

Apparti x-xewqa li jogħla l-livell ta' protezzjoni tal-konsumaturi billi jingħaqdu l-esperjenzi miksuba u li jiġi ffaċilitat l-iskambju bejn it-tliet Stati Membri, il-proġett BELFRIT ġie ddeterminat ukoll minħabba l-intenzjoni komuni biex fl-UE tingħibed l-attenzjoni fuq il-ħtieġa ta' armonizzazzjoni tal-kwistjoni billi tintwera l-fattibilità tal-implimentazzjoni tagħha.

Biex tiġi ffaċilitata l-applikazzjoni tar-rikonossiment reċiproku, id-DM tad-9 ta' Lulju 2012 stabbilixxa proċedura ssimplifikata għall-modifika tal-Anness 1, li ppermettiet, permezz ta' digriet tad-Direttur Ġenerali ddatat 27 ta' Marzu 2014, li jiġi appoġġat l-Anness 1, il-lista BELFRIT, li tiġi ddefinita bħala "Anness 1a". Biex tingħata viżibilità massima lill-proġett u lir-riżultati miksuba, il-lista BELFRIT, mifhuma xorta waħda bħala strument miftuħ għal aktar inserzjonijiet, ġiet adottata malajr fl-Italja minkejja li kien għad hemm diversi pjanti tal-lista nazzjonali mhux imdaħħla minħabba aspetti li huma prinċipalment marbuta mal-identifikazzjoni botanika korretta tagħhom.

Biex imbagħad jintlaħaq livell nazzjonali fl-evalwazzjoni tal-pjanti li għadhom ma ddaħħlux fil-lista BELFRIT, sabiex tiġi adottata lista unika, bid-Digriet Eżekuttiv tas-27 ta' Marzu 2014 imsemmi, ġiet prevista wkoll proċedura għall-akkwist ta' data u elementi utli mill-operaturi interessati.

Wara xogħol ta' evalwazzjoni estensiv mill-esperti botaniċi tal-Kummissjoni Ministerjali dwar "id-dieta u n-nutrizzjoni", il-Kummissjoni msemmija approvat lista unika tal-pjanti.

Meta mqabbla ma' dak li huwa diġà stabbilit fl-Anness 1 tad-DM tad-9 ta' Lulju 2012, il-lista l-ġdida, għall-pjanti elenkati hawn taħt (ara "Referenza għat-testi bażiċi"), hija akkumpanjata minn twissijiet addizzjonali oħra dwar it-tikkettar, simili għal dawk previsti tal-Belġju u ta' Franza.

Fl-aħħarnett, id-Digriet il-ġdid itenni b'mod sostanzjali s-sitwazzjoni attwali rigward il-firxa tal-pjanti li jistgħu jintużaw fl-Italja fis-supplimenti, flimkien ma', fil-każijiet imsemmija, dispożizzjonijiet ġodda biex iħeġġu l-użu korrett.

10. Referenza għat-testi bażiċi: Digriet tad-9 ta' Lulju 2012: notifika 2011/0152/I - test finali;

Digriet tad-direttur ġenerali ddatat 27 ta' Marzu 2014: anness;

Rapport spejgattiv - lista tal-pjanti li għalihom hemm previsti t-twissijiet addizzjonali dwar it-tikkettar, simili għal dawk previsti tal-Belġju u ta' Franza: anness.

11. Le

12. -



EUROPEAN COMMISSION

Directorate-General for Internal Market, Industry, Entrepreneurship and SMEs
Single Market Enforcement
Notification of Regulatory Barriers

13. Le

14. Le

15. -

16. Aspetti OTK

LE - L-abbozz m'għandux impatt sinifikanti fuq il-kummerċ internazzjonali.

Aspett SPS

Le - L-abbozz mhuwiex miżura sanitarja jew fitosanitarja

Il-Kummissjoni Ewropea

Direttiva tal-Pont ta' kuntatt (UE) 2015/1535

Fax: +32 229 98043

email: grow-dir2015-1535-central@ec.europa.eu